**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**Decizjoni Numru: 2631**

Kaz Nru: 3601/17/AM

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

Independent Bankers Union (IBU) u wara l-verbal datat 20/04/2018 dan ghandu jaqra Independent Bankers Union – Voice of the Workers

u

HSBC Bank (Malta) plc

*dwar rapprezentanza ta' membri tal-Union*

**Chairperson: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M.(lond)., Dip.Tax (MIT)**

**Membri: Is-Sur Mario Sacco u s-Sur Joseph Farrugia**

**Illum il-Gimgha 22 ta' Novembru, 2019**

It-Tribunal,

Li din hija tilwima ta' xoghol skont l-Artiklu 74 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' ittra datata 30 ta' Novembru, 2017, mibghuta mill-Ministru ghall-Affarijiet Ewropej u Ugwaljanza.

**Termini ta' riferenza**

It-Termini ta' riferenza mibghuta mill-IBU lill-Ministru ghall-Politika Socjali huma kif jidher hawn taht:

*"It-Tribunal Industrijali ghandu jiddikjara illi fir-Relazzjonijiet Industrijali mhux accettabbli illi Management jaghzel hu liema ufficjali ta' Union ghandhom jirrapprezentaw lill-haddiema fid-diversi strutturi u wisq aktar mhux accettabbli li ssir distinzjoni bejn ufficjali tal-istess Union li l-Management jidhirlu li jistghu jew ma jistghux jirraprezentaw lill-haddiema. It-Tribunal Industrijali ghandu wkoll jiddikjara li fil-qafas tar-relazzjonijiet industrijali kull ufficcjal ta' Union ghandu jkun stmat mill-Management b'mod ugwali fid-drittijiet u d-dmirijiet tieghu minghajr diskriminazzjoni u l-Management ma ghandux jaghmel impozissjonijiet jew kundizzjonijiet fuq Union dwar min ghandu u min ma ghandux jirrapprezenta l-interessi tal-haddiema membri tal-istess Union.*

*Fid-dawl ta' dan it-Tribunal Industrijali ghandu jiddikjara:*

a) *Li l-Bank HSBC ma ghandux jaghmel kundizzjonijiet u/jew distinzjonijiet u/jew diskriminazzjoni bejn min mill-ufficjali tal-IBU ghandu jew jista' jirrapprezenta haddiem tal-istess Bank membru tal-IBU u*

b) *Illi l-Bank HSBC ma jistax ma jaccettax lil Mark Muscat jew kwalsiasi ufficjali iehor tal-IBU li jagixxi ghan-nom tal-IBU in rapprezentanza tal-membri taghha fi kwalunkwe kwistjoni li haddiem tal-Bank HSBC (Bank) Malta plc".*

Illi l- l-Union rikorrenti qed titlob sabiex pendent lite u biss bhala interim order u minghajr pregudizzju ghall-mertu, l-Bank Intimat jinghata l-ordni sabiex ma jzomm lill-ebda ufficjal tal-Union esponenti milli tassisti lill-membri taghha mall-Bank Intimat fuq materji mhux kollettivi. (fol 20).

**Risposta tal-Bank intimat**

Fir-risposta tieghu l-Bank Intimat li permezz taghha eccepixxa li (a) dan it-Tribunal ma jistax jiehu konjizzjoni tal-kaz ghaliex ma jezistux l-elementi necessarji biex ikun hemm tilwima industrijali u/jew (b) jiddikjara li t-talbiet tal-IBU huma infondati u ghalhekk ma hemm l-ebda bazi biex it-Tribunal jaghmel d-dikjarazzjonijiet mitluba mill-IBU. Il-Bank jikkontendi li dan ma jinkwadrax bhala tilwima ta' xoghol kif imfissra fil-Kapitolu 452 u ghalhekk dan it-Tribunal ma ghandux kompetenza li jisma' dan il-kaz.

**Eccezzjoni preliminari dwar il-kompetenza ta' dan it-Tribunal**

Il-Bank Intimat jikkontendi li t-tilwima li l-IBU ghandha mall-Bank ma taqax taht id-definizzjoni ta' tilwima ta' xoghol kif imfissra fil-Kapitolu 452 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk dan it-Tribunal ma ghandux kompetenza jisma' u jiddeciedi t-talba tal-Union rikorrenti.

Illi l-artikolu 75 tal-Kap 452 jaghmilha cara li dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni esklussiva li jikkonsidra u jidddeciedi (a) il-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ngunta u (b) il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta' dan l-att jew ta' regolamenti preskritti tahtu,

Ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci jew li mod iehor jallega l-ksur tad-dritt tieghu skont it-Titoli I ta' dan l-att ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort' ohra:…

Illi l-partijiet jaqblu li Claude Cremona de Gabriele u l-Bank Intimat jinsabu fi stadju ta' Grievance Procedure u dan skond l-artikolu 7 fol 6 tal-Ftehim Kollettiv li l-Bank ghandu mall-MUBE jirrizulta li tali procedura tibda meta mpjegat ikollu kwistjoni mall-Bank dwar 'working conditions or terms of employment'.

Illi inoltre l-artikolu 81 tal-istess Kap jispjega li kwsitjonijiet riferuti lil dan it-Tribunal ai termini tal-artikolu 75 jirrigwardjaw tkeccija ngusta u mhux dwar min ghandu dritt jirraprezenta lill-haddiem fi kwistjoni bejn il-haddiem u l-impjegat tieghu fi procedura interna.

Ra l-provi kollha prodotti u sema' lill-partijiet jitrattaw il-kaz.

**Konsiderazzjonijiet**

**<u>Eccezzjoni ta' Kompetenza</u>**

It-Tribunal qed jitratta l-eccezzjoni preliminari tal-Bank Intimat cioe' n-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal. Jigi rilevat li fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha l-Union rikorrenti ma ssemmi xejn dwar din l-eccezzjoni preliminari minkejja li tali eccezzjoni ma jirrizultax li giet irtirata mil-bank intimat.

Jigi osservat li l-union rikorrenti qed tibbaza t-talba taghha ai terminu tal-artikolu 74 tal-att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrjali . Il-Ministru responsabbli ghadda l-kaz lil dan it-Tribunal sabiex jiddeciedi t-tilwima wara li kkonsidra li l-kwistjoni tissodisfa r-rekwizi tal-artikolu 74(3) tal-istess Kap.

Veru li kif gie ritenut fil-kaz Lino Debono vs Malta Drydocks (deciz 8 ta' Gunju, 2011, per JRM) li l-artikolu 75 jghid b'mod car u kategoriku li minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra it-Tribunal ikollu l-gurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeciedi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ngusta ghal kull ghan (ghajr minn proceduri dwar reat) u li r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci jkun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lil dak it-Tribunal u mhux xort 'ohra.

Izda skond l-artikolu 2(e) (f) u (g) tal-istess Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta t-tifsira ta' tilwima industrjali hija wkoll:

(e) facilitajiet ghall-ufficjali ta' trade unions;

(f) makkinarju ghal negozjati jew konsultazzjonijiet u proceduri ohra dwar xi wahda mill-hwejjeg imsemmija qabel maghdud ir-rikonoxximent minn principali jew assocjazzjoniet ta' principali tad-dritt ta' trade union li tirrapprezenta haddiema f'xi negozjati jew konsultazzjonijiet bhal dawk jew fit-twettiq ta' dawk il-proceduri;

(g) is-shubija jew le ta' haddiem fi trade union partikolari.

**Ghaldaqstant dan it-Tribunal ma jistax jilqa' l-eccezzjoni tal-Bank Intimat cioe' li dan it-Tribunal ma ghandux kompetenza jisma' l-ilment tal-Union rikorrenti u ghar-ragunijiet premessi tali eccezzjoni qed tigi michuda.**

Mertu

Dwar il-mertu l-Bank Intimat qed jistrieh fuq il-ftehim kollettiv li ghamel mall-MUBE u li a fol 46 tal-istess ftehim kollettiv li jghid li l-impjegat ghandu jkun assistit minn Union Official li jkun impjegat tal-Bank jew b'kollega li huwa mpjegat tal-bank. U li jekk ma jabqlux l-haddiem u l-Bank, b'persuna jew rapprezentant li jaqblu dwaru il-partijiet. Tali ftehim jghid li l-Union ghandha tkun l-MUBE.

Illi fil-perjodu tal-kaz in kwistjoni Mark Muscat fiz-zmien li gara l-kaz kien ghadu mpjegat tal-Bank meta l-Bank oggezzjona li jassisti lill-impjegat koncernat. Difatti fil-verbal tas-seduta tal- 5 t'April, 2019, Mark Muscat iddikjara li huwa tkecca mill-Bank Intimat b'effett mill-21 ta' Gunju, 2018.

Illi ghalhekk ma hemmx dubju lil dan it-Tribunal li ghall-perjodu li Mark Muscat baqa' mpjegat tal-Bank, l-Bank mexa kontra dak miftiehem bejn l-MUBE u mieghu stante li halliex lill-impjegat tal-Bank dak iz-zmien Mark Muscat jassisti lill-impjegat in kwistjoni.

Jonqos ghalhekk li tigi titrattata l-kwistjoni jekk il-Bank jistax jibqa' jimponi l-ftehim kollettiv fir-rigward ta' mpjegati li ma humiex membri tal-MUBE.

Dwar il-mertu, jigi rilevat li huwa dritt sagrosant ta' kull trade union f'Malta li taghzel hija r-rapprezentant taghha sabiex jassisti lill-membru taghha kemm-il darba dan l-ufficjal ikun mahtur skont kif stipulat fl-istatut taghha kemm-il darba tali union giet imwaqqfa skond il-provvedimenti tal-ligi u registrata mad-Direttur ghar-Relazzjonijiet Industrjali.

F'dan il-kaz ma hemm ebda eccezzjoni fir-rigward u ghalhekk il-Union rikorrenti giet imwaqqfa validatament skond il-ligi u ghalhekk ukoll ghandha dritt li taghzel hija l-ufficjal minn taghha li ghandu jirraprezenta membru taghha.

Kif gie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza Grech v Avukat Generlai deciza fl-20 ta' Dicembru, 2000, 'meta hemm in ballo d-determinazzjoni tad-drittijiet u l-obbligu civili ta' dak li jkun, dak l-individwu ghandu dritt ghal smiegh xieraq li certament jinkludi fost l-elementi kostitutivi tieghu dak tal-assistenza minn persuna kompetenti fid-difiza tal-jeddijiet tieghu."

Fil-kawza Farrugia vs Direttur tas-Sigurta Socjali deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili sede Kostituzzjonali, fit-23 ta' Frar, 2005, gie osservat li fil-principju d-dritt ghas-smiegh xieraq "jinkludi l-facilita li fid-difiza tal-kaz tieghu persuna ghandha jkollha rapprezentanza legali adegwat u effettiva". Dan japprovdi ghalih l-ftehim kollettiv in parte stante li l-assistenza legali wkoll trid tkun provduta mill-MUBE kif jirrizulta minn fol 40 tal-istess ftehim kollettiv.

Il-Bank Intimat jistrieh fuq il-ftehim kollettiv li ghandu ma' union ohra cioe' mall-MUBE izda kull impjegat ghandu dritt li jkun rapprezentant minn persuna tal-fiducja taghha f'dan il-kaz rapprezentant tal-Union rikorrenti liema rapprezentant ghandha dritt li taghzlu hi u mhux il-Bank Intimat.

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda , d-dokumenti u t-trattazzjoni jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-Union rikorrenti u jordna lill-Bank Intimat sabiex ma jzomm lill-ebda ufficjal tal-Union rikorrenti milli tassisti lill-membri taghha mall-istess Bank Intimat fuq materji mhux kollettivi.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din it-tilwima tax-xoghol.

| | |
|---|---|
| **(Iffirmat)** | **(Iffirmat)** |
| Dott. Anna Mallia | Is-Sur Mario Sacco |
| Chairperson | Membru |

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**

# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Kaz Nru: 3601/17/AM

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

Independent Bankers Union (IBU) u wara l-verbal datat 20/04/2018 dan ghandu jaqra Independent Bankers Union – Voice of the Workers

u

HSBC Bank (Malta) plc

*dwar rapprezentanza ta' membri tal-Union*

## Nota ta' Dissent

Bhala membru ta' dan it-Tribunal, qieghed nissottometti nota ta' dissent peress li ma naqbilx mad-decizjoni maqbula mill-membri l-ohrajn ghas-segwenti ragunijiet.

Bank li jopera fuq skala globali irid joqghod attent hafna li kazijiet li jinvolvu rapprezentazzjoni jkunu kunfidenzjali ghaliex jista' jkollhom riperkussjonijiet serji fuq ir-reputazzjoni tal-bank. Kaz f'pajjiz wiehed jista' jkollu riperkussjonijiet in-naha l-ohra tad-dinja. Ghalhekk il-ftehim bejn l-HSBC u l-MUBE jispecifika li min jirrapprezenta lill-impjegat ghandu jkun impjegat tal-Bank. Dan jipprotegi lill-Bank, u konsegwement lill-impjegati tieghu, milli jkun hemm involviment minn xi hadd li jkollu agenda ulterjuri mill-kaz li jista' jinqala' u li l-motiv propju tieghu ma jkunx necessarjament l-interess tal-impjegat li suppost ikun qed jirrapprezenta, izda li juza kull mezz malinn sabiex iwaqqa' r-reputazzjoni tal-Bank, kemm lokalment kif ukoll fuq livell internazzjonali, b'konsegwenzi koroh fuq l-operat kummercjali kif ukoll fuq l-impjiegi.

Imkien mhu msemmi, jew intqal, li l-Bank ried jaghzel hu lil min ghandu jirrapprezenta lill-impjegati. Li hemm fil-ftehim kollettiv huma parametri maqbula b'mod liberu bejn il-Bank u r-rapprezentanti tal-impjegati.

Kemm il-management tal-Bank, kif ukoll il-union rikonoxxuta, jaghrfu r-responsabilta' li jgorru fil-prattika tar-relazzjonijiet industrijali, u ghalhekk l-iskop ta' din ir-restrizzjoni, jekk wiehed jista' jsehilha hekk, mhuwhiex li jirrestringi l-liberta' tal-individwu, izda li jigu salvagwardjati l-interessi tal-Bank u tal-impjegati tieghu.

Id-decizjoni tat-Tribunal tirreferi ghal zewg kazijiet – il-kawza Grech vs Avukat Generali (20/12/2000) u l-kawza Farrugia vs Direttur tas-Sigurta' Socjali (23/2/2005). Dawn id-decizjonijiet jirreferu gustament ghal 'assistenza kompetenti' u 'rapprezentanza legali adegwat u effettiva'.

L-ispirtu tal-ftehim kollettiv bejn l-HSBC u l-MUBE, bil-parametri stabbiliti, jistabilixxi li m'ghandu jkun hemm hadd li bi skuza li qieghed jirraprezenta impjegat tal-Bank ikun ntiz biss sabiex jaghmel hsara, per ezempju billi jiftah diversi kawzi frivoli kontra l-Bank, jew jippostja kummenti ngurjuzi kontra l-Bank fuq il-media socjali. F'cirkostanzi bhal dawn, l-assistenza li tinghata minn persuna ta' dan it-tip la tkun kompetenti, u wisq anqas adegwata u effettiva.

L-anqas jista' wiehed jikkonkludi li din hija xi forma ta' konfoffa, jew 'oversight' bejn il-bank u l-MUBE. Il-provizjoni tar-rapprezentanza hija wkoll inkluza u maqbula fil-Ftehim Kollettiv mall-General Workers Union ghall-impjegati non-klerikali, li jfisser li anki l-GWU taghraf ir-responsabilta' li ghandhom il-unions fejn tidhol rapprezentanza.

Ma nistax ma nzidx ukoll li l-ftehim bejn il-Bank u l-unions jippermetti flessibilita' ghar-rapprezentanza minn impjegat tal-Bank. Fil-ftehim kollettiv (Dok. HSBC A), taht is-sezzjoni Disciplinary Procedures (Section B – Procedures Art.5: Disciplinary Procedures Paragrafu1: General Principles hemm inkluz li:

*'Employees have the right to be represented by a Trade Union official (employed by the Bank) of their choice, or by a colleague, who is an employee of the Bank and is not personally involved in the issues. Alternatively, if the above cannot be satisfied the accompanying person will be mutually agreed by the Bank and the Union on the basis of competence in the field of Financial Services.*

Din il-klawsola qieghda kemm fil-ftehim mall-MUBE, kif ukoll f'dak li gie ffirmat mall-General Workers Union.

Ghal dawn ir-ragunijiet jiena nasal ghall-konkluzjoni li kellha tintlaqa' t-talba tal-Bank Intimat u li jigu rispettati l-provizjonijiet legittimi tal-ftehim kollettiv kif maqbula fl-interess tal-Bank u tal-impjegati tieghu.

Illum 22 ta' Novembru, 2019

**(Iffirmat)**
**Is-Sur Joseph Farrugia**
**Membru**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**